KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

**LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU 23: Laqgħa Urġenti**

It-tmintax il-seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Ġimgħa 27 ta' Novembru 2020 fis-6pm. Il-laqgħa saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal/D.Seg Eż |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.00:*

*23.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*23.2 Ġieħ Tas-Sliema: Nominazzjonijiet;*
*23.3 Deċiżjoni: Finanzjament għall-krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex:*

---

## 23.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

23.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-apoloġiji tal-kunsilliera:
V.Galea Pace
E.Borg
K.Wain
W.V.Baldacchino
P.Portelli

Ir-raġunijiet għalfejn ma setawx jattendu kienu validi u kienu skuzati għal din il-laqgħa urġenti.

## 23.2 ĠIEĦ TAS-SLIEMA: NOMINAZZJONIJIET

23.2.1 Il-kunsillier D.Muscat ta spjegazzjoni dettaljata dwar kif se taħdem is-serata ta' Ġieħ Tas-Sliema għal din is-sena fejn il-kunsilliera għandom jattendu għar-rekording ġewwa studjo nhar is-Sibt 5 ta' Diċembru. Is-serata se ssir via filmati tal-lokalita, u filmati ta' dawk in-nies illi ġew nominati, kif ukoll bi speeches u filmati li se jittieħdu nhar is-Sibt 5 ta' Diċembru mall-Kunsill.

23.2.2 Il-kunsillier D.Muscat qara r-rapport tal-Bord fejn issuġerrew in-nies illi għandom jieħdu l-premju. Wara diskussjoni fid-dettal bejn il-Kunsill, kien hemm qbil fuq il-ħames nies illi ġew innominati fil-Bord tal-Għażla. Is-Sindku rringrazzja lil D.Muscat għax-xogħol illi għamel biex din is-serata tkun tista ssir xorta waħda.

**Waqt id-diskussjoni l-kunsillier D.Soler ħareġ mil-laqgħa għal ħabta ta' 18:30. Wara l-laqgħa kkonferma li kellu problema**

**biex ikompli**

**Il-kunsilliera I.Fenech telqet għal ħabta ta' 18:45**

## 23.3 DEĊIŻJONI: FINANZJAMENT GĦALL-KREJAZZJONI TA' SPAZJI MIFTUĦA FIĊ-ĊENTRU U L-IRĦULA F'MALTA U GĦAWDEX

23.3.1 Minħabba l-fatt illi l-għeluq ta' din l-applikazzjoni kienet qabel il-laqgħa li jmiss, saret talba biex deċiżjoni tittieħed dwar il-proposta tal-proġett li kien ġie diskuss f'laqgħat preċedenti fl-area ta' triq Ġuze Howard ma Dingli str.
Wara spjegazzjoni tal-proġett, il-Kunsill qabel illi din l-applikazzjoni ssir la hija proġett bzonnjuza f'dik il-parti tal-lokalita.
.

**Il-laqgħa ntemmet fis-7:15pm. Il-laqgħa li jmiss se tkun dik ta' nhar l-Erbgħa 9 ta' Diċembru 2020.**

Minuti approvati llum nhar l-Erbgħa 9 ta'Diċembru 2020

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**